# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2020.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 1143/2017 MCH**

**Emanuel Cuschieri; u Duncan, Dione, Simon u Vanessa mart Edwin Camilleri aħwa Cuschieri; u b'dikriet tal-24 ta' Mejju 2018, wara l-mewt ta' Emanuel Cuschieri, il-kawża tkompliet f'isem l-atturi l-oħra bħala werrieta tiegħu**

***v.***

**Is-soċjetà *Allwares Limited*, John Spiteri Debono, Joseph Anthony Spiteri Debono f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-assenti Ronald Spiteri Debono, u n-Nutar Anthony Spiteri Debono**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ġunju 2018 li ċaħdet talba tagħhom għal dikjarazzjoni li ma jiswiex dikriet ta' deżerzjoni ta' appell mogħti minn din il-qorti f'kawża

oħra li fiha huma kienu konvenuti u appellanti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi kienu konvenuti f'kawża[1] mibdija mill-konvenuti tallum kontrihom. Il-kawża nqatgħet kontra l-atturi – konvenuti f'dik il-kawża – b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju 2013. Appellaw, u l-appell ġie appuntat għall-14 ta' Frar 2017. Billi iżda bir-rikors tal-appell ma kinux ġew notifikati l-konvenuti tallum – atturi f'dik il-kawża – li kontra tagħhom kien sar l-appell, il-Qorti tal-Appell tat żmien kif irid l-art. 963(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex issir in-notifika u iddifferiet is-smigħ għall-14 ta' Marzu 2017. Billi sal-14 ta' Marzu 2017 kienu għadhom ma ġewx notifikati l-konvenuti tallum kollha, ħlief is-soċjetà *Allwares Limited* li kienet laqgħet in-notifika u wieġbet għall-appell, ingħata dikriet li jgħid hekk:

> »Peress li l-appell baqa' ma ġiex notifikat lill-appellati fiż-żmien konċess mill-qorti fl-aħħar tal-14 ta' Frar 2017, filwaqt li tosserva wkoll li minkejja riferti negattivi li jirrisalu għat-2 ta' Lulju 2013 baqgħu ma tteħdux miżuri għan-notifika tal-appell qabel Diċembru 2016, u *cioè* tliet snin wara, il-qorti tiddikjara l-appell deżert.«

3. B'rikors tas-17 ta' Marzu 2017 l-atturi talbu lill-qorti tħassar *contrario imperio* d-dikriet ta' deżerzjoni iżda din it-talba ġiet miċħuda b'dikriet tal-10 ta' Ottubru 2017.

4. Billi dehrilhom illi "ma kienx permissibbli għall-onorabbli Qorti tal-Appell li tqajjem hi l-kwistjoni tad-deżerzjoni meta din ma kinitx tqajjmet mill-partijiet u li timponi terminu tassattiv fuq l-esponenti li

[1] *Allwares Ltd et v.* Emanuel Cuschieri *et*, ċitazzjoni numru 1049/2005.

kien fatali għall-appell tagħhom meta l-liġi stess ma tipprovdi għal ebda terminu sabiex jitwettaq dak ikkontemplat fl-artikolu 963 [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili]", u illi "d-dikriet moghti … fl-14 ta' Marzu 2014 … tad-deżerzjoni tal-appell tal-esponenti kien wieħed irritu u null u mhux skond il-liġi u anke vjolattiv tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea u mill-Kostituzzjoni", l-atturi talbu illi l-qorti "tiddikjara irritu u null id-dikriet tad-deżerzjoni mogħti mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu 2017 fil-kawża fl-ismijiet inversi billi fil-fatti u fiċ-ċirkostanzi fuq esposti mhux skond il-liġi".

5. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. Preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija nulla, inammissibbli u irritwali, in kwantu d-digriet impunjat, li ġie mogħti mill-Qorti tal-Appell, ma jistax jiġi impunjat permezz ta' azzjoni bħal din.
>
> »2. Preliminarjament ukoll, u bla preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi hija monka u ma tistax tirnexxi, in kwantu l-atturi ma jistgħux jitolbu r-revoka tad-dikriet tal-14 ta' Marzu 2017 mingħajr ma jitolbu wkoll ir-revoka tad-dikriet tal-10 ta' Ottubru 2017.
>
> »3. Fil-meritu u dejjem mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma komunkwe infondati fil-fatt u fid-dritt, billi d-dikriet impunjat huwa skond il-liġi u ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u għalhekk m'hemmx lok li jiġi revokat.«

6. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontrihom, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »L-atturi f'din il-kawża jilmentaw li, fl-ewwel seduta tal-14 ta' Frar 2017 quddiem il-Qorti tal-Appell, ħadd ma qajjem il-kwistjoni tad-deżerzjoni tal-appell u li din ġiet imqajma mill-istess qorti *ex ufficio.* Fin-nota tagħhom jagħmlu referenza għal żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell fejn jingħad li l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni ma tistax tingħata effett mill-qorti *sua sponte* jekk din ma tingħatax bħala eċċezzjoni (Angela Debattista *et v.* Joanne Debattista *et*, 24/06/2016 u Pietru Camilleri *et v.* Michael Portelli *et*, 27/06/2016). Jagħmlu referenza għall-artikolu 732(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex isostnu l-piż li kellu fuq is-setgħa tal-qorti fil-każijiet ta' deżerzjoni. *Inoltre* jingħad li bl-inseriment tas-sub-artikolu (3) għall-artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organ-

izzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) il-leġislatur wera l-intendiment ċar li s-sanzjoni tad-deżerzjoni għandha tiġi evitata meta raġjonevolment possibbli sabiex jiġu salvati l-kawżi. Jisħqu li ma ġie impost ebda terminu tassattiv għall-għeluq tal-proċeduri bil-miktub, tant li dan is-subartikolu jitkellem dwar l-għeluq "kemm jista' jkun malajr".

»Jibda billi jiġi osservat illi, kif rilevat mill-konvenuti, tirriżulta ġurisprudenza wkoll li d-deżerzjoni tista' titqajjem mhux biss bħala eċċezzjoni mill-kontro-parti iżda tista' tiġi sollevata wkoll mill-qorti *ex ufficio* (ara s-sentenza <u>*Formosa & Camilleri noe v. W.J. Parnis England noe et,*</u> App 08/06/2004 u l-ġurisprudenza estensiva hemm ċitata). Jirrilevaw ukoll li għalkemm l-artikolu 732(2) tal-Kap. 12 jipprovdi għar-rinunzja tal-eċċezzjoni tad-deżerzjoni, jekk ma tingħatax qabel kull eċċezzjoni perentorja oħra, din tikseb relevanza kieku l-parti li ma ġietx notifikata (f'dan il-każ l-aħwa Spiteri Debono) dehru quddiem il-qorti u ma ssollevawx l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni minnufih u dan kif jipprovdi l-artikolu 963(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel argument imressaq mill-atturi f'din il-kawża. Għalkemm huwa minnu li hadd mill-partijiet ma qajjem il-kwistjoni ta' deżerzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, huwa ritenut li l-artikolu 963 tal-Kap. 12 hija disposizzjoni ta' ordni pubbliku (ara f'dan is-sens is-sentenza <u>L-Avukat Dr Renzo Porsella Flores *et noe v.* Ir-Registrtur tal-Qorti *et*</u>, PA 30/06/2015). Kwindi għalkemm ħadd mill-appellati ma qajjimha formalment, din il-kwistjoni setgħet ċertament titqajjem *ex ufficio* mill-Qorti tal-Appell. *Inoltre* minn qari tal-artikolu 963 tal-Kap. 12 jirrizulta tabilhaqq ċar illi:

> »"(1) … il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.
>
> »"(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.
>
> »"(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta min]abba f'xi nuqqas ta' notifika jew min]abba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.
>
> »"(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux."

»Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-atturi, mhux talli jirriżulta t-terminu tassattiv ta' sena li fih għandhom jingħalqu l-proċeduri bil-miktub, taħt is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 963, talli fil-każ li l-qorti tagħti konċessjoni sabiex jingħalqu l-istess proċeduri bil-miktub, dan huwa permess għal darba waħda biss.

»Għandu jingħad ukoll li ċ-ċirkostanzi tal-kawzi ċitati mill-atturi kienu totalment differenti minn dawk in eżami, peress li fil-kawża <u>Angela Debattista *et v.* Joanne Debattista *et*</u> il-proċess ta' notifika kien ferm

aktar ikkumplikat peress li kien jinvolvi l-ħatra ta' kuraturi deputati, filwaqt li fil-każ Pietru Camilleri *et v.* Michael Portelli et l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni kienet miċħuda peress li, għalkemm in-notifika tar-rikors tal-appell sar wara t-terminu ta' sena kif imsemmi fl-artikolu 963(1), saret qabel ma ngħataw ordnijiet mill-qorti kif kontemplat fl-artikolu 963(3). Isegwi li ċ-ċirkostanzi f'dawk il-kawżi ma jistgħux jiġu paragunati ma' dawk fil-każ in eżami.

»L-atturi jilmentaw ukoll li l-Qorti tal-Appell injorat l-iskop u l-animu wara l-inseriment tas-sub-artikolu (3) għall-artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu li qabel l-emendi li seħħew permezz tal-Att VIII tas-sena 2007, il-qorti ma kellha ebda mezz kif tevita d-deżerzjoni, iżda s-sitwazzjoni nbidlet bl-introduzzjoni tas-subartikolu (3) tal-artikolu 963, peress li l-intenzjoni wara tali emendi kien li jingħata mezz lill-qrati kif tiġi evitata d-deżerzjoni u kwindi l-qorti kellha tagħti opportunità effettiva lill-parti sabiex il-parti tingħata smigħ xieraq, tant li ma ġie impost ebda terminu ulterjuri li fih għandhom jingħalqu l-proċeduri bil-miktub. Dan, jingħad mill-atturi, sar bl-intenzjoni ċara li jiġu salvati l-kawżi mill-effett tad-deżerzjoni. Isegwi li meta fil-każ in eżami l-Qorti tal-Appell tat lill-atturi xahar żmien sabiex issir in-notifika, dan ma kienx żmien biżżejjed sabiex issir in-notifika u għalhekk ma segwietx l-ispirtu tal-emendi tal-artikolu 963(3).

»Fil-fehma ta' din il-qorti huwa minnu li l-emenda legislattiva tagħti lill-qorti l-fakoltà li permezz ta' ordni jiġi estiż it-terminu sabiex il-proċeduri bil-miktub jingħalqu kemm jista' jkun malajr sabiex jiġi evitat li l-kawża tmur deżerta, iżda dan għal darba waħda biss. Wara li tingħata dik l-ordni mill-qorti, hija ma jifdlilha ebda diskrezzjoni sabiex twarrab id-deżerzjoni tal-appelli. Fil-fatt is-sub-artikolu (5) tal-artikolu 963 jipprovdi li meta, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-qorti skont is-sub-artikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu mhux magħluqa, il-kawża quddiem il-qorti tat-tieni grad għandha titqies bħala kawża deżerta. It-terminoloġija adoperata hija ċertament waħda mandatorja u mhux waħda fakoltattiva, dan fil-fehma ta' din il-qorti, sabiex jiġi enfasizzat il-ħtieġa li l-proċeduri jsiru bl-ispeditizza meħtieġa sabiex tiġi deċiża kawża fi żmien raġonevoli. Minn eżami tal-atti tal-kawża 1049/2005 jirrizulta li l-Qorti tal-Appell imxiet strettament fuq il-parametri tal-provvediment tal-artikolu 963 tal-Kap. 12.

»Għandu jingħad li l-atturi konvenjentement jiskartaw il-fatt li l-appell tagħhom ġie ppreżentat fis-27 ta' Ġunju 2013 u sakemm dehru quddiem il-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 2017 għaddew kważi erba' snin, li matulhom sar tentattiv wieħed biss da parti tal-atturi għan-notifika. Dan iż-żmien (li altru milli kien suffiċjenti sabiex issir in-notifika) ma jiġix ikkunsidrat mill-atturi bħala relevanti, anzi addirittura jippretendu li ma kellux jiġi kkunsidrat mill-Qorti tal-Appell fil-konsiderazzjonijiet tagħha tal-każ in eżami! Ċertament l-atturi mhumiex korretti f'dan l-argument. Jiġi osservat li kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ottubru 2009 fil-kawża fl-ismijiet Paul Muscat *et v.* l-Avukat Ġenerali *et*, li *inter alia* eżaminat il-kwistjoni ta' deżerzjoni, iżda f'ċirkostanzi differenti, fejn kien ritenut illi r-regoli tal-proċedura huma intiżi sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tal-kontendenti fil-kawża. Kwindi mhux imħolli li persuna tilmenta bi preġudizzju, kemm-il darba dawk l-istess regoli ma jigux osservati, u kull konsegwenza effett ta' dak in-nuqqas trid tbatiha hi altrimenti jkun hemm inċertezza fil-proċeduri legali. Hekk ukoll fis-sentenza tagħha tal-10 ta'

Marzu 2014 fil-kawża fl-ismijiet Gernot Knoess *et v.* The Attorney General *et*, il-Qorti Kostituzzjonali qalet ukoll:

> »"…the institute of desertion … is meant to avoid delays due to failure by plaintiff to pursue his case diligently…The institute of desertion is a strong disincentive to carelessness and nonchalance should not be rendered ineffective through a too accommodating interpretation … In the present case Plaintiffs' culpable inactivity amply exceeded the time allowed by law.

»Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, f'għajnejn din il-qorti ma hemm ebda dubju li t-traskuraġni da parti tal-atturi riskontrata mill-Qorti tal-Appell fil-kawża li ġġib referenza 1049/2005 tirriulta ċara, u ladarba kien in-nuqqas tal-atturi (appellanti f'dik il-kawża) li wassal għad-deżerzjoni tal-appell tagħhom *imputet sibi*. L-argument tal-atturi dwar il-fatt li deher Leonard Cassar għan-nom tas-soċjeta *Allwares Limited* fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti tal-Appell kienet indikażżjoni li ma kienx ser ikollhom problema bin-notifiki u li l-Qorti tal-Appell kienet ser tikkonċedi l-fakoltà li ssir in-notifika permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni *seduta stante,* mhumiex għajr supposizzjonijiet u konġetturi, li ftit jagħtu fejda għas-sitwazzjoni tal-atturi meta wieħed jikkonsidra l-inerzja tagħhom fuq medda konsiderevoli ta' żmien.

»In kwantu għall-eċċezzjoni tal-konvenuti fejn jingħad minnhom li l-azzjoni attriċi hija inamissibbli in kwantu d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell ma jistax jiġi impunjat permezz tal-azzjoni odjerna, jinħass opportun li ssir referenza għal dak ritenut mill-qrati tagħna fis-sens illi:

> »"hemm tliet xorta ta' digrieti, *cioè* dawk definittivi, dawk inter-lokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li għall-ewwel u għat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, għat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (J. Bonello *noe v.* E. Ellul *noe*, Appell Kummerċjali 26 ta' Gunju 1987, Vol. LXXI pġ. 390; Baldacchino *v.* Bellizzi, 10 ta' Awissu 1953, Vol. XXXVII I 519)."

»Dawn id-deċiżjonijiet jispjegaw illi d-digrieti tat-tielet kategorija jistgħu jiġu impunjati "permezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-qorti li tkun emanat id-digriet u s-sentenza li tingata fuq din iċ-ċitazzjoni tista' eventwalment tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell*"* (ara per eżempju l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 2005 fil-kawża fl-ismijiet Ronald Agius *et v.* Paul Portelli).

»Huwa risaput illi digriet interlokutorju huwa dak li permezz tiegħu tiġi deċiża xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawża waqt li din tkun għadha miexja. Dan huwa digrieti li ma jikkostitwiex ġudikat għall-qorti li tkun ippronunzjatu u konsegwentement jista' jkun soġġett għar-revoka *contrario imperio* tal-istess qorti – (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta'Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Abela *v.* Perit Fredrick Valentino et). Min-naħa l-oħra digriet definittiv itemm kontroversja bejn il-kontendenti.

»Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża in eżami, din il-qorti tqis li d-digriet tal-14 ta' Marzu 2017, attakkat mill-atturi f'din il-kawża, huwa wieħed interlokutorju, in kwantu kien intiż li jirregola l-andament tal-kawża u mhux il-mertu tal-appell li kien hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. It-tali digriet seta' jiġi kkontestat *ai termini* tal-artikolu 229(4) tal-Kap. 12 fejn dik l-istess qorti tintalab li tikkonsidra mill-ġdid

id-deċiżjoni tagħha. Fil-fatt l-atturi odjerni, appellanti f'dik il-kawża, hekk għamlu meta permezz tar-rikors tagħhom tas-17 ta' Marzu 2017 talbu r-revoka *contrario imperio* tal-imsemmi digriet tal-14 ta' Marzu 2017.

»Huwa ritenut ukoll li, kif ġustament rilevat mill-konvenuti fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi anqas, in kwantu titlob biss ir-revoka tad-digriet tal-14 ta' Marzu 2017, mingħajr ma jintalab ukoll ir-revoka tad-digriet tal-10 ta' Ottubru 2017. Min-naħa l-oħra din il-qorti tqis li d-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru 2017 bħala wieħed finali, peress li għandu min-natura ta' sentenza definittiva, in kwantu għalaq il-proċedura sħiħa (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Ottubru 2006 fil-kawża fl-ismijiet <u>Mario Galea Testaferrata *et v.* Il-Prim'Ministru *et*</u>). Dan jingħad ukoll peress li minn eżami tal-artikolu 963(6) tal-Kap. 12 jingħad li:

> »"(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat."

»Kwindi bil-provvediment tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru 2017 is-sentenza tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Ġunju 2013 issa saret waħda finali, peress li għaddiet in ġudikat. Permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qegħdin donnhom iressqu appell ulterjuri mid-digriet tal-14 ta' Marzu 2017 mogħti mill-Qorti tal-Appell. Huwa ritenut li din l-azzjoni da parti tal-atturi tipprova tistultifika s-sistema ġudizzjarja in kwantu taqleb l-ordni ġerarkiku tal-Qrati ta' taħt fuq, kif jgħidu l-Inglizi "*turning the system on its head*", bir-riżultat li tinħoloq dik id-diżordni fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja li hija proprju l-antitesi ta' kull prinċipju mhux biss tal-ġustizzja imma anki ta' kull sempliċi regola tad-dritt (ara f'dan is-sens is-sentenza <u>Agius *et v.* Portelli</u> ċitata qabel). L-azzjoni odjerna tittanta tattakka l-finalità ta' sentenza li għaddiet in ġudikat. Għal dawn ir-raġunijiet ukoll din il-qorti tqis l-azzjoni attriċi bħala irrita u nulla safejn tattakka digriet finali tal-Qorti tal-Appell quddiem din il-qorti fil-kompetenza ċivili. Iżda peress li l-atturi jallegaw ukoll ksur ta' drittijiet fundamentali, huwa opportun li tiġi trattata wkoll tali allegazzjoni.

»Għalhekk imiss li jiġi trattat l-ilment tal-atturi sa fejn jargumentaw li d-digriet tad-deżerzjoni wassal li l-appell tagħhom ma nstemax fil-mertu, biċ-ċaħda konsegwenzjali tad-dritt tagħhom li l-appell jingħata smigħ xieraq kif iridu l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> »"Kull qorti jew awtorità ohra mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjonijiet ta' drittijiet jew obbliġi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."

»Min-naħa l-ohra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni *inter alia* jipprovdi li:

> »"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu … kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi ..."

»Huwa indubitat li l-atturi li ppreżentaw l-appell tagħhom quddiem il-Qorti tal-Appell kellhom kull dritt għal smigħ xieraq, kif sanċit fil-liġi,

iżda fuq in-naħa l-oħra ta' dan id-dritt jeżistu wkoll obbligi da parti tal-appellanti (atturi f'din il-kawża) li jassiguraw li jottempraw ruħhom mar-regoli tal-proċedura; wara kollox il-kontraparti wkoll għandha dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. L-artikoli tal-liġi appena ċitati ma jagħtux dritt t'appell *per se,* iżda ladarba dan id-dritt jirriżulta mil-liġi, inkluż l-obbligu tagħhom bħala appellanti f'dik il-kawża li jagħalqu l-proċeduri bil-miktub fl-istadju tal-appell fi żmien sena kif provdut fl-istess liġi, jew mogħtija l-opportunità mill-Qorti tal-Appell li jagħalqu dawk il-proċeduri kemm jista' jkun malajr. Kwindi huwa ritenut illi f'każ fejn jirriżulta li kienu l-atturi stess li kienu responsabbli għal nuqqas fl-osservanza tal-proċedura, fejn f'dan il-każ irriżulta li l-atturi, bħala appellanti fil-kawża l-oħra, baqgħu inadempjenti għal madwar erba' snin sħaħ, f'liema perjodu sar tentattiv wieħed biss ta' notifika lill-appellati, mingħajr ma ngħatat ebda spjegazzjoni għal tali inattività, ma jistgħux issa jilmentaw minn ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq. Huwa għalhekk ritenut li hemm limitazzjonijiet għal dan il-jedd, u dan b'rispett ukoll għall-partijiet l-oħra fil-kawża.

»Minn eżami tal-fatti kif żvolgew fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell, li jġibu referenza 1049/2005, din il-qorti ma tirriskontra ebda leżjoni tad-drittijiet tal-atturi. Il-liġi m'għandhiex tippremja in non kuranza, in-negliġenza u l-inerzja ta' persuna appellanti f'kawża sabiex tieħu l-passi kollha meħtieġa ħalli tottempra ruħha mad-dispositiv tal-liġi u tieħu ħsieb li tinnotifika l-kontroparti bir-rikors tal-appell tagħha, sabiex ikunu jistgħu jingħalqu l-proċeduri bil-miktub, fiż-żmien opportun. Mhux meqjus aċċettabbli li l-atturi jilmentaw minn ċaħda ta' dritt meta huma stess naqsu milli, fi kliem il-Qorti tal-Appell, jadoperaw l-għodda pprovduti fil-liġi sabiex jinnotifikaw lill-kontro-parti. L-atturi jippruvaw jiġġustifikaw in-nuqqas ta' notifika tar-rikors tal-appell lill-appellati billi jgħidu li ġew żgwidati peress li l-atturi appellati oriġinarjament kienu taw indirizz wieħed u, filwaqt li ċertu atti ġudizzjarji ġew notifikati, oħrajn, bħar-rikors għall-appell, baqa' mhux notifikat. Iżda din mhix raġuni valida li tiġġustifika l-inerzja tagħhom għal tul ta' żmien konsiderevoli. Wara kollox, kif osservat mill-Qorti tal-Appell, kien hemm rimedji fil-liġi li baqgħu ma ġewx adoperati mill-appellanti (atturi f'din il-kawża).

»Kif kellha okkażjoni tosserva din il-qorti, l-iskop tal-liġi hu li jkun hemm konformità u kjarezza fir-regoli ta' proċedura u li ħadd, kemm mill-awtoritajiet u kemm minn dawk kolpiti minnhom, ma jabbuża mill-proċedura li altrimenti tista' tissarraf f'inġustizzja li twassal għal ksur ta' xi dritt fondamentali tal-individwu. F'dan is-sens kienet is-sentenza mogħtija minn din il-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fid-19 ta' Gunju 2013 fil-kawża fl-ismijiet <u>Anthony Bezzina *v.* L-Avukat Generali</u>, fejn ingħad ukoll li l-garanzija tal-artikolu 6 hija intiża għall-aċċess effettiv għal qorti u *equality of arms.* Dik is-sentenza kienet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014. Il-Qorti Kostituzzjonali ziedet ukoll:

> »"Il-prinċipju tal-*equality of arms* ma jfissirx li parti tista', l-ewwel tinjora r-regoli ta' proċedura, u mbagħad tistieden lill-qorti li, minkejja dan, tmur kontra dawn l-istess regoli. Dan il-prinċipju jfisser li kull parti għandha tingħata opportunità ndaqs li tressaq il-kawża tagħha; iżda dan ma jfissirx li parti tista' taġixxi in oltraġġ għar-regola tal-proċedura u xorta tippretendi l-indulġenza tal-qorti biex tressaq il-provi tagħha fil-kumdità tagħha. Id-dritt tas-smigħ

> xieraq hu konċess fit-termini tar-regoli tal-liġijiet tal-proċedura, u jekk dawn jigu injorati mill-parti, għal xi nuqqas, *imputet sibi.*"

»F'dik il-kawża saret referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem deċiża fis-17 ta' Lulju, 2012, fil-kawża fl-ismijiet <u>Muscat *v.* Malta</u> fejn ingħad:

> »"44. The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with, in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy (see Miragall Escolono and Others v. Spain, nos. 38366/97...). However, those concerned must expect those rules to beapplied [see, Nakov v. the Former Yugoslav Republic of Macedonia no.68286/01, 24 October 2002]. It is incumbent on the interested party to display special dilgence in the defence of his interests." [see Teuschler v. Germany (dec) no. 47636/99, 4th October 2001, and Sukhorubchenko v. Russia no. 69315/01 paras.41-43, 10 February, 2005)."

»*Inoltre* fis-sentenza tal-qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem deċiza fid-9 ta' Diċembru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet Knoess vs Malta ngħad ukoll:

> »"The Court notes that the applicant has not pointed to any legitimate impediment justifying the delay on his part or his failure to follow the proceedings rigorously. The Court reiterates that it is incumbent on the interested party to display special diligence in the defence of his interests (see in the context of article 6 generally, Teuschler v. Germany (dec.) no. 47636/99, 4 October 2001; and Muscat v. Malta, no. 24197/10, para. 44, 17 July 2012) and that a lack of alacrity by the parties in filing their submissions may contribute decisively to the slowing down of the proceedings (see Vernillo v. France, 20 February 1991, para. 34, Series A no.198);"

»Applikati dawn l-istess prinċipji għall-każ in eżami, din il-qorti ssib li l-pretensjoni attriċi fis-sens li d-deċiżjoni ta' deżerzjoni tal-Qorti tal-Appell, kienet vjolattiva tad-dritt tagħhom għall-smigħ xieraq, kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea u mill-Kostituzzjoni, ma ġietx pruvata.

»Il-qorti fl-aħħar tagħmel referenza għal sottomissjoni magħmula waqt it-trattazzjoni verbali tad-difensuri tal-partijiet. L-atturi qed jilmentaw illi kien l-obbligu tar-Reġistratur tal-Qrati li jinfurmahom tul il-pendenza mindu ġie mdaħħal l-appell bin-nuqqas ta' notifika pożittiva għal xi att li jkun preżentat. Id-difensur tal-atturi ma jissostanzjax *oltre* dan l-argument. Din il-qorti tqis illi hu d-dover sagrosant tal-parti li issegwi l-atti li tkun ressqet hi u taċċerta ruħha li qed tottempera ruħha mal-liġi. L-artikolu 152(2) tal-Kap. 12 jistabilixxi biss dover fuq ir-reġistratur li jinforma lill-avukat tal-parti bin-nuqqas ta' notifika tal-avviż tas-smigħ f'terminu hemm stabbilit u xejn aktar. Il-liġi ma tgħid xejn dwar xi dover tar-Reġistratur tal-Qrati li jinforma lil parti fuq riferta għal notifika ta' rikorsi ta' appell. Hu minnu li hemm sistema li kull att preżentat jiġi mgħarraf lill-avukat jew prokuratur legali li jkun preżentah b'*sms* però din mhix liġi jew proċedura li tistabilixxi xi obbligu fuq ir-reġistratur u hi mezz biss ta' kommunikazzjoni faċli biex l-avukat jew il-prokuratur legali jkollu indikazzjoni ta' x'qed isir mill-atti preżentati. Però finalment

jibqa' l-obbligu tal-parti li jsegwi b'mod responsabbli l-atti tiegħu u ma jistax jiskolpa ruħu jekk ikun naqas bla raġuni valida fil-liġi.

»Għalhekk il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta tiċħad it-talbiet attriċi. Spejjeż għall-atturi *in solidum* bejniethom.«

7. L-atturi appellaw b'rikors tat-2 ta' Lulju 2018 li għalih il-konvenuti wieġbu fl-24 ta' Lulju 2018.

8. Billi l-konvenuti ressqu eċċezzjoni ta' invalidità tal-appell, għax sar quddiem din il-qorti meta l-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell, il-qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni għax, jekk tintlaqa', l-appell quddiem din il-qorti jieqaf hawn.

9. L-art. 34 igħid hekk:

»**34.** Ħlief meta jkun hemm provdut mod ieħor f'dan il-Kodiċi jew f'kull liġi oħra, mis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell:

»Iżda fil-każijiet fejn kawża li tkun inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat, u fejn ebda deċiżjoni espliċita ma tkun intalbet u ngħatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skont l-artikolu 95(2)(*d*)[2] tal-imsemmija Kostituzzjoni, tkun ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza li fiha jkunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni bħala parti mill-meritu tal-kawża, il-Qorti tal-Appell għandha xorta waħda titqies li hija kompetenti u li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.«

10. Fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża ma ntalbet u ngħatat ebda deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni taħt l-artikolu 95(2)(*d*); dak li ntalab kien dikjarazzjoni ta' nullità tad-dikriet ta' deżerzjoni. Dan ifisser illi, għalkemm fis-sentenza appellata "ġew

---

2 "appelli minn deċiżjonijiet ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar interpretazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni li ma jkunux dawk li jistgħu jaqgħu taħt l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni"; il-kawżi li jaqgħu taħt l-art. 46 huma dawk dwar drittijiet fondamentali.

diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem" l-appell sar ħażin quddiem din il-qorti, u kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell.

11. L-atturi iżda jgħidu illi l-art. 46 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid espressament illi d-disposizzjonijiet tal-art. 34 ma jnaqqsux il-kompetenza ta' din il-qorti biex tisma' dan l-appell. L-art. 46 igħid hekk:

> »**46.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34 … ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-artikolu 46 u tas-subartikolu (2) tal-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tas-subartikolu (4) tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.«

12. L-art. 46(4) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(4) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] jirregolaw appelli minn kawżi "miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu", *i.e.* kawżi mibdija taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni jew taħt l-art. 4 tal-Kap. 319. Dawn huma kawżi li jkunu saru espressament biex il-Prim'Awla tagħti deċiżjoni dwar drittijiet fundamentali, *i.e.* kawżi li jkunu nbdew quddiem il-Prim'Awla fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, jew li jkunu kawżi mibgħuta quddiem il-Prim'Awla b'referenza minn qorti oħra. Il-kawża tallum ma hijiex kawża bħal dawk għax inbdiet quddiem il-Prim'Awla fil-kompetenza ordinarja u mhux dik kostituzzjonali tagħha, u lanqas ma hija kawża li ntbagħtet b'referenza minn xi qorti oħra.

13. Dan l-appell lanqas ma jintlaqat bl-art. 95(2) tal-Kostituzzjoni – speċifikament is-sub-para. (*ċ*) tiegħu – għax, għar-raġuni mogħtija

fil-paragrafu ta' qabel dan, ma huwiex appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla "skond l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni".

14. L-appell għalhekk huwa regolat bl-art. 34 li, kif imfisser fuq, jagħti kompetenza biex tisimgħu mhux lil din il-qorti iżda lill-Qorti tal-Appell.

15. Dan ma jfisirx illi l-appell ma jiswiex iżda, kif igħid u jrid l-art. 741(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jintbagħat quddiem il-qorti kompetenti biex tisimgħu.

16. Il-qorti għalhekk tordna li l-atti jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex l-appell jinstema' quddiem dik il-qorti.

17. Dwar l-ispejjeż ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

Giannino Caruana Demajo
Aġent President

Joseph R. Micallef
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr